MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2010

Citazzjoni Numru. 84/2007

**L-Avukat Dottor Carmelo Galea bhala mandatarju tal-imsefrin Grace armla ta' Joseph Buttigieg; Concetta sive Connie armla ta' Frank Xerri; ta' Kathleen Sherry, Joe Scerri, Vicentia Xerri, Michelina Xerri, Charlie Xerri u Michael Xerri lkoll ahwa Xerri ulied l-istess Frank Xerri ghal kull interess li jista' jkollhom, u ta' Victor Xerri, Catherine Sultana, Charlie sive Carmel Xerri, Jessie Buttigieg, Carmen Sultana, Jane Xerri, u Michael Xerri lkoll ahwa Xerri ulied Joseph Paul Xerri**

**Vs**

**Maria Sacco; Marianne Xerri; u Joseph Agius; Gabriella Agius; Michelina Cremona u Catherine Portelli; u b'digriet tas-17 ta' Ottubru 2007 Catherine Portelli giet nominata kuratur sabiex tirraprezenta lill-imsefrin Frank Agius u**

**Salvu Agius; u b'digriet tal-29 ta' Ottubru 2007 l-Avukat**
**Dottor Chris Said gie nominat kuratur deputat ghal Joseph**
**Xerri, Maurice Xerri, Grazzja Theuma, Salvina Bartolo u**
**Emanuel Xerri u b'digriet moghti fis-17 ta' April 2008 Dr.**
**Kevin Mompalao issostitwixxa lil Dr Chris Said bhala kuratur sabiex jirraprezenta lill-imsemmija assenti u b'digriet moghti fl-10 ta' Gunju 2008 il-qorti ordnat korrezzjoni fis-sens li l-kuratur Dr Kevin Mompalao qeghed jidher ghal ghall-assenti Salvina Bartolo u Emanuel Xerri biss; u ghal kull interess li jista' ghandhom Joseph Xerri, Maurice Xerri, Grazzja Theuma.**

Il-Qorti,
Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-22 ta' Awwissu 2007 li permezz tieghu l-atturi ppremettew u talbu:-

1. Michael Xerri, gia iben il-mejtin Felic u Grace nee' Xerri, miet fix-Xaghra, Ghawdex fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Awissu elf disa' mija u erbgha u sittin (1964), u irregola is-successjoni tieghu b'testment unica charta ma' martu fl-atti tan-Nutar Francesco Gauci tat-tletin ta' Awissu elf disa mija tmienja u erbghin (1948).
2. Catherine Xerri mart l-istess Michael, bint Saviour Bartolo u Vincenza nee' Theuma kienet mietet, ukoll fix-Xaghra, Ghawdex, fis-sittax (16) ta' Dicembru elf disa mija u tmienja u erbghin (1948), u irregolat is-successjoni taghha bis-sahha tat-testment precitat.
3. Bis-sahha ta' dak it-testment, il-konjugi Xerri hallew b'titolu ta' prelegat lit-tliet uliedhom Felic, Giuseppe u Francesco ahwa Xerri, ir-raba, Tal-Qiegha' fil-limiti ta' Xaghra, Ghawdex tal-kejl ta' cirka tlett sighan; hallew ukoll b'titolu ta' prelegat lil Victoria u Marianna ahwa Xerri, bicca mil-lok ta' djar fin-numri hdax u tnax (11 u 12), Triq Gnien Imrik Xaghra, Ghawdex kif ahjar deskritta fis-sitt artikolu tal-imsemmi testment; u imbaghad hallew ukoll b'titolu ta' prelegat lill-istess Vittoria u Mairanna Xerri il-

kumplament tal-istess lok ta’ djar kif deskritt fit-tmiem artikolu tat-testment, bil-kondizzjoni pero’ illi l-istess prelegatarji jkunu obbligati li jhallsu lil huthom l-ohra r-rispettivi kwota mill-valur a stima ta’ perit ta’ l-istess parti ta’ l-istabbili’; u finalment hallew bhala eredi universali taghhom lil uliedhom kollha cjoe’ Victoria, Marianna, Carmela mart Michele Agius, Suor Gaetana fis-sekolu Giuseppa, Grazia mart Giusepp Buttigieg, Lorenzo, Francesco, Giuseppe u Felic ahwa Xerri.

4. Frangisk Xerri miet fit-tnejn (2) ta’ Mejju elf disa mija tmienja u tmenin (1988) f’Westmead, New South Wales, Australia, u bis-sahha tat-testment tieghu maghmul l-Awstralja fil-21 ta’ Marzu 1978 huwa halla lil martu l-attrici Connie sive Concetta Xerri bhala eredi universali tieghu. Ghal kull interess li jista’ jkollhom, uliedu Catherine, Joseph, Vincentia, Michelina, Charles, u Michael huma ukoll atturi f’din il-kawza.

5. Giusepp, drabi ohra maghruf ukoll bhal Joseph Paul Xerri miet fi Blacktown, New South Wales, Australia fid-disgha u ghoxrin (29) ta’ Jannar elf disa mija wiehed u disghin (1991), u lil dan wirtuh uliedu Victor, Catherine, Charles, Jessie, Carmen, Jane, u Michael ahwa Xerri lkoll atturi f’din il-kawza.

6. Felix Xerri miet fl-ghaxra (10) ta’ Novembru elfejn u sitta (2006), u skond i-testment tieghu tat-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Dicembru elf disa’ mija u tmienja u disghin (1998) huwa innomina lil Victor Xerri (iben Giusepp u hawn fuq imsemmi) bhala eredi universali tieghu.

7. Victoria Xerri mietet fl-ghaxra (10) ta’ Jannar elfejn u tnejn (2002), u b’testment taghha fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tat-tmintax (18) ta’ Jannar elf disa mija hamsa u disghin (1995) hija innominat bhala eredi universali taghha lil Maria mart Joseph Sacco, il-konvenuta.

8. Lorenzo Xerri miet fil-hdax (11) ta’ Mejju elf disa mija sebgha u disghin (1997) u lil dan wirtuh uliedu Joseph Xerri, Maurice Xerri, Grazzja Theuma, Salvina Bartolo u Emmanuel Xerri ilkoll konvenuti ghal kull interess li jista’ jkollhom.

9. Carmena Agius mietet fil-2007 intestata, u lil dan wirtuh is-sebat uliedha, ilkoll konvenuti f’din il-kawza, cjoe’

Maria Sacco; Joseph Agius; Gabriella Agius; Catherine Portelli; u Michelina Cremona, u l-imsefrin Frank Agius u Salvu Agius.
10. Sr. Gaetana mietet fl-ghoxrin (20) ta' Ottubru elfejn u sitta (2006) intestata u improle u ghalhekk is-sehem altrimenti spettanti lilha akkrexxa fuq hutha kollha superstiti jew id-dixxendenti taghhom skond il-kaz.
11. Illi l-esponenti iridu illi jigu likwidati u diviza bejn l-eredi l-assi ereditarji ta' Michael u Catherine Xerri.

Ghalhekk l-atturi talbu lil din il-Qorti:-

1. Tillikwida il-beni gia formanti il-komunjoni tal-akkwisti tal-mejtin Michael u Catherine konjugi Xerri billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk il-beni u assi illi jirrizultaw waqt it-trattazjoni tal-kawza.
2. Tiddividi din il-komunjoni tal-akkwisti f'zewg porzjonijiet ugwali illi jigu assenjenti wahda kull wiehed lill-assi partikolari ta' Michael Xerri u lill-assi partikolari ta' Catherine Xerri.
3. Tillikwida il-beni partikolari ta' Michael Xerri billi tiddikjara illi jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti assenjata lilu kif fuq inghad, u dawk l-assi parafernali illi jirrizultaw waqt it-trattazjoni tal-kawza.
4. Tillikwida il-beni partikolari ta' Catherine Xerri billi tiddikjara illi jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti assenjata lilha kif fuq inghad, u dawk l-assi parafernali illi jirrizultaw waqt it-trattazjoni tal-kawza.
5. Tordna l-immissjoni fil-pussess favur l-atturi Connie Xerri fi kwota ta' terz, Victor Xerri fi kwota ta' terz iehor, u Victor, Catherine, Charlie, Jessie, Carmen, Jane u Michael Xerri fi kwota ta' terz iehor tar-raba 'Tal-Qiegha' imhollija b'titolu ta' prelegat lil Felic, Giuseppe u Francesco ahwa Xerri bit-testment tal-konjugi Xerri fuq citat.
6. Tordna l-immissjoni fil-pussess ta' Mary Sacco bhala eredi ta' Victoria Xerri, u ta' Marianne Xerri tal-fond fin-numri hdax u tnax (11, 12) illum probabbilment numru erbgha (4), Triq Gnien Imrik, Xaghra kif ordnat bis-sahha tat-testment fuq citat, u bl-obbligu illi dawn ihallsu lil huthom l-ohra is-sehem taghhom minn dik il-parti

separata tal-istess fond imsemmija fit-tmiem artikolu tal-imsemmi testment fuq stima ta' perit nominand.
7. Tiddividi ir-rimanenti beni kontenuti fl-assi ereditarji ta' Michael Xerri, u fl-assi ereditarji ta' Catherine Xerri fi tmien porzjonijiet ugwali (stante il-mewt ta' Suor Gaetana improle u intestata) li jigu assenjati wahda kull wiehed lil Concetta Xerri (bhala eredi ta' zewgha Frangisk Xerri); Victor Xerri (bhala eredi ta' Felix Xerri); lil Catherine Sultana, Charlie Xerri, Jessie Buttigieg, Carmen Sultana, Jane Xerri, u Michael Xerri bejniethom (bhala eredi ta' missierhom Giusepp Xerri); lil Maria Sacco (bhala eredi ta' Victoria Xerri); lill-konvenuti Joseph, Maurice, Grazzja Theuma, Salvina Bartolo u Emanuel ilkoll ahwa Xerri (bhala eredi ta' missierhom Lawrence Xerri); lill-konveuta Marianne Xerri ; lill-attrici Grazzja Buttigieg; u lill-konvenuti ahwa Agius (bhala eredi ta' ommhom Carmena Agius).
8. Tahtar Nutar pubbliku u tiffissa il-jum hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-opportun att ta' immissjoni fil-pussess u tad-divizjoni tal-assi ereditarji hekk rizultanti; bl-intervent ta' kuraturi nominandi sabiex jidhru ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att.
9. Fin-nuqqas, f'kaz illi jirrizulta illi l-beni mhumiex komodament divizibbli bejn il-kontendenti, tordna li c-citazzjoni tal-istess beni sabiex ir-rikavat jigi ripartit bejn il-kontendenti fil-kwoti lilhom spettanti kif fuq inghad.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Dottor Chris Said prezentat fid-9 ta' Novembru 2007 (fol. 24) fil-kwalita' tieghu bhala kuratur deputat ta' Joseph Xerri, Maurice Xerri, Grazzja Theuma u tal-imsefrin Salvina Bartolo u Emanuel Xerri fejn Dr. Chris Said bil-gurament tieghu jikkonferma:-

1. Illi l-esponenti mhux edott mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u ghalhekk jirrimetti ruhu ghal provi li jingabu quddiem din l-Onorabbli Qorti.
2. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt li jistghu jigu pprezentati wara li l-esponenti jaghmel kuntatt mal-persuni illi huwa qed jirraprezenta.

Rat ir-risposta ta' Maria Sacco u ta' Marianne Xerri; u Joseph Agius; Gabriella Agius; Catherine Portelli; u

Michaelina Cremona u b'digriet ta' 17 ta' Ottubru 2007 Catherine Portelli giet nominata kuratrici sabiex tirrapprezenta lill-imsefrin Frank Agius u Salvu Agius prezentata fit-12 ta' Novembru 2007 (fol 26):-

1. Illi preliminarjament hemm l-ostaklu tal-preskrizzjoni decennali (10) kif kontemplata fl-artikolu 845 tal-Kodici Civili u dik tretennali (30) a tenur tal-artikolu 2143 tal-Kodici Civili u dan sewwa ghar-rigward l-erditajiet ta' Michael u Catherine Xerri kif ukoll ghar-rigward il-legati hemm imhollija.
2. Illi minghajr l-ebda pregudizzju ghal premess, trid issir l-prova li dawn l-wirtijiet gew denunzjati, skond kif titlob il-ligi.
3. Illi, fil-mertu u minghajr ebda pregudizzju ghall premess hemm bzonn li jigi ivverfikati l-kwoti u l-konsistenza tal-assi u ghar-rigward is-sitt (6) talba attrici il-hlas tal-legat ghandu jsir bi stima ta' perit, liema stima m'ghandix tkun dik tal-illum imma tad-data rispettiva meta mietu Michael Xerri, li miet fl-24 ta' Awwissu 1964 u Catherine Xerri li mietet fis-16 ta' Dicembru 1948.

Fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2009 il-konvenut Joseph Xerri ta ruhu b'notifikat bl-atti u fl-10 ta' Lulju 2009 ipprezenta risposta guramentata (fol. 218) fejn iddikjara li:-

1. Qieghed jaderixxi ruhu mat-talbiet tal-atturi.
2. Jipprotesta ruhu ghall-ispejjez.

Il-konvenuti Maruice Xerri u Grazzja Theuma ghalkemm notifikati baqghu ma wiegbux.

Rat ir-rapport tal-perit tekniku Frank Muscat (fol. 186).

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet li pprezentaw il-partijiet.

Ikkunsidrat:

L-atturi qeghdin jitolbu l-qasma tal-wirt ta' Michael Xerri (miet fl-24 ta' Awwissu 1964) u martu Catherine Xerri (mietet fis-16 ta' Dicembru 1948), immissjoni fil-pussess ta' legati mhollija mit-testaturi u hlas kontemplat f'wahda

mid-disposizzjonijiet tat-testment. Il-wirt tal-konjugi Xerri hu regolat minn testment *unica charta* li sar fit-30 ta' Awwissu 1948 fl-atti tan-nutar Dr Francesco Gauci. Id-disposizzjonijiet li jinteressawna ghal finijiet ta' din il-kawza huma:-

1. **Artikolu V** – Legat lil uliedhom Felice, Giuseppe u Francesco ahwa Xerri tar-raba' msejjah "Tal-Qiegha", Xaghra, Ghawdex b'kejl superficjali ta' tliet sighan (ekwivalenti ghal 562.2 metri kwadru). Il-qorti qeghda tifhem li din art hi dik li fid-denunzja ta' Michael Xerri (fol.60) tissemma bhala *"bicca art, fil-limiti ta' Trik Bullara..."*, tant li l-konfini huma l-istess bhal dawk li jissemmew fittestment (fol. 38).
2. **Artikolu VI** – Legat imholli lil Victoria u Marianna ahwa Xerri ta' parti mill-fond 11 u 12, Triq Gnien Imrik, Xaghra, Ghawdex u parti mill-mandretta annessa ma' l-istess (fol. 39).
3. **Artikolu VII** – Legat imholli lil Victoria u Marianna ahwa Xerri ta' mobbli li fi zmien tal-mewt tad-decujus ikunu jinsabu fl-imsemmi fond (fol. 39).
4. **Artikolu VIII** – Legat imholli lil Victoria u Marianna ahwa Xerri tal-kumplament tal-fond 11 u 12, Triq Gnien Imrik, Xaghra, Ghawdex **bil-kundizzjoni** ta' l-istess prelegatarji li ***".....jhallsu lil huthom l-ohra r-rispettiva kwota mill-valur a stima ta' perit ta' l-istess parti ta' l-istabbli."*** (fol. 40).
5. **Artikolu XI** - Il-konjugi Xerri innominaw werrieta universali taghhom lil uliedhom (kienu disgha), Victoria u Marianna Xerri, Carmela Agius, Suor Gaetana ta' l-Ordni tas-Sorijiet Frangiskani ta' Malta fis-sekolu xebba Giuseppa, Grazia Buttigieg, Lorenzo, Francesco, Giuseppe u Felice ahwa Xerri (fol. 40). Il-proprjeta' li hemm x'tinqasam bejn il-werrieta hi tal-Ghizna sive Tal-Gajzua, limiti ta' Triq Sant'Anton, Xaghra, Ghawdex tal-kejl ta' cirka siegh.

Michael Xerri miet fl-24 ta' Awwissu 1964 filwaqt li martu Catherine Xerri mietet fis-16 ta' Dicembru 1948.

It-tfal ta' Michael u Catherine Xerri li ghadhom hajjien huma **l-attrici Grace Buttigieg (tghix barra minn Malta)**

**u l-konvenuta Marianne Xerri**. Il-konjugi Xerri kellhom disat itfal. Il-qorti ser issemmi il-werrieta tat-tfal li mietu:-

a. Frangisk
b. Giusepp
c. Victoria Xerri – eredi Maria Sacco
d. Lawrence – eredi Joseph, Maurice, Grazzja Theuma, Salvina Bartolo u Emanuel ahwa Xerri.
e. Felix – eredi Victor Xerri.
f. Carmena Agius – eredi huma Maria Sacco, Joseph Agius, Gabriella Agius, Catherine Portelli, Michelina Cremona, Frank Agius u Saviour Agius.
g. Suor Gajtana – mietet intestata u ghalhekk is-sehem taghha jinqasam fuq il-werrieta l-ohra.

Ghalhekk kull chip ghandu sehem ta’ 1/8.

Jibda biex jinghad li t-tieni eccezzjoni hi minghajr bazi in kwantu nghatat prova li d-denunzja tal-konjugi Xerri kienet saret. Ghalhekk din ser tigi michuda.

F’din il-kawza l-kwistjoni principali tittratta dwar l-obbligu mpost fit-tmien Artikolu tat-testment fuq Victoria u Marianna ahwa Xerri li jhallsu lil huthom ***“ir-rispettiva kwota mill-valur ta stima ta’ perit ta……..”*** tal-kumplament tal-fond 11 u 12, Triq Gnien Imrik, Xaghra, Ghawdex. Il-kwistjoni hi jekk il-kalkoli ghandhomx isiru fuq il-valur tal-ambjenti tal-lum jew taz-zmien li fiha nfethet is-successjoni.

B’digriet li nghata fis-6 ta’ Jannar 2009 il-qorti nkarigat lill-perit Frank Muscat sabiex jaghmel stima tal-valur ta’ dik il-parti tal-fond li hi rilevanti ghal finijiet tal-Artikolu VIII.

L-ambjenti li huma rilevanti ghal finijiet ta’ dan l-ezercizzju huma:- **stalla tal-annimali, kamra tas-sodda, kcina u kamretta u mandretta li fiha kejl ta’ cirka 184 metri kwadri**. Fir-rapport[1], li l-perit tekniku kkonferma bil-gurament fl-4 ta’ Gunju 2009, jinghad li l-valur tal-imsemmija ambjenti:-

[1] Fol. 189.

a. **Ilum** hu ta' mija u erbgha u sittin elf ewro (€164,000);
b. **Fl-24 ta' Awissu 1964** kien ta' elf u tmien mitt ewro (€1,800);

Il-qorti tosserva li:-

(a) Mal-mewt tat-testatur, il-legatarju jakkwista dak li jkun thalla lilu b'legat salv id-dritt tieghu li jirrinuzja ghalih. Ifisser li l-proprjeta tal-legat tigi akkwistata mal-ftuh tas-successjoni.

(b) Madankollu l-pussess tal-legat irid jintalab lill-werrieta (Artikolu 726 tal-Kodici Civili). Dan il-provvediment ifisser li l-legatarju ma jistax bl-awtorita tieghu nnifsu jimpossessa ruhu minn dak imholli lilu b'legat; *"Il-principju li l-legatarju ghandu jitlob il-pussess tal-legat minn ghand l-eredi jirriferixxi ghar-rapporti bejn l-eredi u l-legatarju, biex dan ma jimpossessax ruhu mill-legat minghajr il-kunsens ta' l-eredi."* (**Giuseppe Carabott et vs Vincenzo Carabott et** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Gunju 1948 – Volum XXXIII.i.303).

Fl-interpretazzjoni ta' tesment wiehed irid jiddetermina x'kienet il-volonta' tat-testatur. Fit-testment li sar fit-30 ta' Awwissu 1948 ma jissemmix ghal liema epoka kellha tirreferi l-istima ta' dik il-parti tal-fond li tissemma f'Artikolu VIII, cjoe' d-data tal-ftuh tas-successjoni jew fiz-zmien meta ser ikun isir il-hlas. Ghalkemm il-konvenuti ghamlu hafna enfazi dwar jekk l-obbligazzjoni mposta fuq il-prelegatarji hijiex kondizzjoni jew modus, il-qorti tibqa' konvinta li l-pern tal-kwistjoni hi l-interpretazzjoni tal-volonta tat-testatur.

L-Artikolu 683 tal-Kodici Civili jipprovdi:-

*"Kull disposizzjoni ta' testment, sew jekk tkun saret taht l-isem ta' istituzzjoni ta' werriet, sew taht isem ta' legat, kemm ukoll taht kull isem iehor, ghandha effett,* ***basta li tkun imfissra b'mod li l-volonta' tat-testatur tista' tigi***

***maghrufa**, u ma tkunx kuntrarja ghad-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodici."*.

Fejn il-kliem fit-testment hu car ghandha tinghata interpretazzjoni letterali. Fil-kawza **Rose Alden proprio et nomine et vs Raphael Pace** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[2]inghad:- *"Ove le parole del testamento siano per se stesse chiare, non e` lecito con prove estrinsiche restringere o ampliarne il senso; la disposizione deve restare quella che le parole del testamento importino' - "**Carmelina Mifsud et -vs- Matilde Pullicino et**". 13 ta' Gunju 1888 (**Vol. XI pag. 633**). Fl-istess sens huma d-decizjonijiet fl-ismijiet "**Nutar Albert E. Micallef et -vs- Marietta Tonna**", Appell Civili, 30 ta' Ottubru 1950 u "**Farmacista George Mallia -vs- Carmela Mallia**", Appell Civili, 18 ta' Marzu 1957."*.

Fil-kaz taghna l-uniku prova hi t-testment u minn hemm il-qorti trid tara x'kienet il-volonta tat-testatur. Il-konvenuti jsosntu li l-obbligazzjoni mposta fuq il-prelegatarji hi modus u mhux kondizzjoni. F'dan il-kuntest ghamlu riferenza ghas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Maria Micallef et vs Avukat Dr Alfredo Mercieca nomine** tas-16 ta' Jannar 1956 (Volum XL.ii.678)[3]. Il-qorti m'ghandix diffikulta li tikkonkludi li l-oneru tal-hlas impost fuq il-prelegatarji jikkwalifika bhala modus. Madankollu dan il-fatt mhu tal-ebda konsegwenza ghal konkluzjoni li ser tasal ghaliha l-qorti.

---

[2] Imhallef P. Sciberras.

[3] Ara wkoll sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Giuseppe Debono et vs Guseppa Borg et** deciza fid-19 ta' Gunju 1951 (Volum XXXV.ii.443) fejn il-qorti elenkat l-elementi li jiddistingwu l-modus mill-kondizzjoni. Fil-kaz taghna b'applikazzjoni ta dak li jinghad f'din is-sentenza jidher li fil-kaz taghna n-natura tad-disposizzjoni hija modali; *"Il modo si distingue anche dalla condizione sospensiva, in quanto questa non produce un obbligao a carico della persona, e, d'altro canto, il modo non sospende, a differenza della condizione sospensiva, l'efficacia del negozio. Se la mia volonta' e' in questo senso: ti dono un milione di euro se costruisci un ospizio per i poveri del mio paese, la donazione e' sottoposta a condizione sospensiva, tu, anche dopo l'accettazione della donazione, sarai libero o meno di costruire l'ospizio, ma non avrai il milione, se non quando avrai costruito l'ospizio. **Se, invece, la mia volonta' e in quest'altro senso: ti don un milione con l'obbligo di costruire un ospizio, la clausola configura un modo. Tu, se accetti, riceverai subito il milione, ma sarai obbligato a costruire l'ospizio.**"* (*Manuale di Diritto Privato*, A. Torrente u P Schlesinger, Edizzjoni numru 18, Giuffre' Editore 2007 pagna 568.).

Fil-fehma tal-qorti:-

i. Fir-rigward tal-parti tal-fond 11 u 12, Triq Gnien Imrik, Xaghra, Ghawdex li jissemma fit-Tmien Artikolu tat-testment, it-testaturi ma riedux jaghmlu preferenzi bejn uliedhom minkejja li din il-parti thalliet ukoll bi prelegat lil Victoria u Marianna ahwa Xerri.
ii. Minn qari tad-disposizzjoni testamentarja hu evidenti li t-testaturi riedu li fir-rigward ta’ din il-parti tal-fond l-ahwa l-ohra minflok jircievu sehemhom mill-ambjenti *in natura*, jircevuh fi flus u ghal dan jaghmlu tajjeb ghalih il-prelegatarji minn buthom. Presumibilment din id-disposizzjoni saret hekk peress li t-testaturi kienu diga’ pprovdew li l-parti l-ohra tal-istess fond tittiehed mill-istess Victoria u Marianna Xerri bhala legat rimuneratorju, u riedu li l-fond jibqa’ shih u b’hekk jittiehed mill-istess tnejn min-nies. F’din id-disposizzjoni testamentarja l-qorti tara li t-testaturi ma riedux jaghmlu preferenza bejn uliedhom ghaliex kieku kien mod iehor ma kienux jimponu obbligu fuq il-prelegatarji li jhallsu *“... lil huthom l-ohra r-rispettiva kwota mill-valur a stima ta’ perit.....”*. Wiehed jistenna wkoll li t-testaturi u n-nutar li ppubblika l-att ma kienux qeghdin jipprospettaw li sitta u erbghin (46) sena wara l-mewt tal-ahhar superstiti mit-testaturi, l-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni tkun ghadha ma twettqitx mill-prelegatarji. Fid-disposizzjoni testamentarja in kwistjoni m’hemm xejn li jista’ jwassal lill-qorti sabiex tikkonkludi li l-intenzjoni tat-testaturi kienet li l-kalkoli kellhom isiru fuq il-valur tal-fond fid-data tal-mewt tal-ahhar superstiti minn fosthom f’kaz li l-prelegatarji jibqghu ma jwettqux l-obbligazzjoni ghal dawn is-snin kollha.

L-assi ereditarji jinkludu:-

a. Porzjon art tal-Qiegha sive tax-Xaghri, Xaghra, Ghawdex b’kejl ta’ tlett sighan (ara site plan a fol. 223 u pjanta a fol. 224); u
b. Porzjon art maghrufa ta’ Gajzua, limiti ta’ Triq San Anton, Xaghra tal-kejl ta’ cirka siegh, li pero baqghet ma gietx identifikata.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti:-**

**1. Tiddikjara li l-wirt ta' Michael u Catherine konjugi Xerri kien jikkomprendi l-beni fuq imsemmija.**
**2. Tordna l-immissjoni fil-pussess tal-legat tal-Qiegha sive tax-Xaghri, Xaghra, Ghawdex ta' cirka 561 metri kwadri (ara site plan a fol. 223 u pjanta a fol. 224) favur il-werrieta ta' Felic, Giuseppe u Francesco ahwa Xerri f'porzjon ta' terz indiviz ghal kull sehem.**
**3. Tordna l-immissjoni fil-pussess tal-legat tal-fond 14, Triq ta' Sansuna, Xaghra, Ghawdex gja 11 u 12, Triq Gnien Imrik, ix-Xaghra, Ghawdex favur il-konvenuti Marianna Xerri u Maria mart Joseph Xerri bhala l-werrieta ta' Victoria Xerri, inkluz il-mobbli li jista' ghad fadal fl-imsemmi fond u li kienu jifformaw parti mill-assi ereditarji ta' Michael u Catherine konjugi Xerri.**
**4. Tiddikjara li Marianna Xerri u Mary Sacco bhala werrieta ta' Victoria Xerri huma obbligati li jhallsu lis-successuri l-ohra tal-werrieta ta' Michael u Catherine konjugi Xerri s-sehem li jispetta lilhom mis-somma ta' mija u erbgha u sittin elf ewro (€164,000) in esekuzzjoni tal-obbligazzjoni mposta fuq il-prelegatarji f'Artikolu VIII tat-testment unica charta tat-30 ta' Awwissu 1948 atti nutar Francesco Gauci, cjoe' €20,500 lil kull sehem[4].**
**5. Fir-rigward tal-art ta' Gajzua tal-kejl ta' cirka 187 metri kwadri peress li hadd mill-partijiet ma identifika fejn tinsab l-art, ma tistax taghti provvedimenti dwarha u ghalhekk il-materja tibqa' impregudikata bejn il-kontendenti.**
**6. Tinnomina lin-nutar Dr Anna Maria Mizzi sabiex tippubblika l-att relattiv tal-immissjoni fil-pussess u lill-avukat Dr Simone Grech sabiex tidher ghall-eventwali kontumaci.**
**7. Tordna li l-att relattiv jigi pubblikat fl-1 ta' Dicembru 2010 fis-2.00 ta' wara nofsinhar fil-bini tal-Qorti, Ghawdex.**

---
[4] €164,000/8 = €20,500.

**Spejjez jinqasmu bejn il-werrieta skond is-sehem li kull wiehed ghandu mill-wirt ta’ Michael u Catherine konjugi Xerri.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------